



## TMEXXIJA TA' KAMPANJA: PUNTI EWLENIN MILL-WEBINARS

Dan id-dokument jixħet dawl fuq ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin dwar it-tmexxija ta' kampanja xxerjati matul il-webinars tal-Forum tal-Inizjattiva taç-Ċittadini Ewropej. Ir-rakkomandazzjonijiet huma miġburin skont is-suġġett u ħarġu mill-erba' webinars li ġejjin:

- [Webinar "Kif għandha ssir kampanja ta' suċċess" 2018](#)
- [Webinar "Kif issir kampanja u ġbir ta' fondi għall-Inizjattiva taç-Ċittadini Ewropej", 2019](#)
- [Webinar "Għodod biex titmexxa b'suċċess kampanja ta' Inizjattiva taç-Ċittadini Ewropej", 2019](#)
- [Webinar "Kampanja online għall-Inizjattiva taç-Ċittadini Ewropej tiegħek", 2020](#)

### Tagħlimiet ewlenin

1. Huwa kruċjali li tiġi mmirata l-udjenza t-tajba u li n-nies jiġu indirizzati b'mod effettiv.
2. Ikun ta' għajjnuna li tinbena koalizzjoni kbira ta' organizzazzjonijiet differenti. Madankollu, aktar ma jkunu involuti sħab, aktar ikun hemm bżonn ta' koordinazzjoni. L-organizzaturi jridu jaraw li jsibu l-bilanċ it-tajeb u li jkunu jafu n-network tagħhom tajeb biex isiru konxji sew tal-kapaċitajiet tiegħu biex iwettaq kompiti differenti.
3. Il-kompożizzjoni eżatta tal-grupp ta' organizzaturi (eż. b'personalitajiet pubbliċi jew alleati importanti) hija rilevanti għall-kampanja.
4. Hu importanti li l-kampanja tiġi lokalizzata. Is-sħab lokali m'għandhomx jingħataw l-impressjoni li qed jipparteċipaw biss f'kampanja Ewropea għall-inizjattiva iżda li huma wkoll "sidien" tal-kampanja nazzjonali.
5. L-organizzaturi għandhom jiffissaw miri ta' kemm biħsiebhom jiġbru firem f'liema perjodu u f'liema pajjiżi.
6. Biex jirreklamaw bħala attivisti politiċi fuq Facebook u Twitter, l-organizzaturi jridu jkunu reklamaturi ċċertifikati.
7. Elementi viżwali konsistenti jgħinu biex titmexxa kampanja li tirnexxi. Templates bażiċi u tradotti (eż. għall-istrixxuni, is-siti web jew il-kontenut tal-media soċjali) jgħinu biex jiġu indirizzati n-nies bil-lingwa tagħhom fil-pajjiżi differenti li l-organizzaturi jixtiequ jimmiraw.
8. Meta jkunu qed jibnu sit web, l-organizzaturi jridu jaħsbu dwar kif se jinnaviga fih l-utent milli dwar sit web bħala element awtonomu.
9. Biex jinvolvu lil dawk li jfasslu l-politika jew lill-media, l-organizzaturi dejjem iridu jispeċifikaw il-benefiċċji tal-involvement tagħhom fil-kampanja.

### Punti rilevanti oħrajn

#### *L-impenn tas-sħab*

- Il-bini ta' network huwa essenzjali għall-organizzaturi. Fl-aħjar sitwazzjoni, is-sħab tan-network ikunu ilhom jaħdmu fuq il-kwistjonijiet rispettivi għal snin sħaħ.
- Hu rakkomandat li l-organizzaturi jibdew jipplanaw sena jew sentejn qabel ir-reġistrazzjoni tal-inizjattiva tagħhom. L-organizzaturi jridu jżommu f'moħħhom li ż-żmien għat-tnejn huwa essenzjali.



- Mhux biżżejjed li jkun hemm kampanja Ewropea u ċentrali b'saħħitha, il-kampanji nazzjonali jridu jiksbu t-trażżjoni wkoll.
- Is-sħab mhux biss jgħinu biex tiżdied l-attenzjoni iżda wkoll biex jinġabru l-firem. L-organizzaturi jistgħu jistaqsu minn qabel lil kull sieħeb kemm jaħsbu li se jkunu jistgħu jiġbru firem. Madankollu, l-organizzaturi għandhom ikunu konxji li s-sħab għandhom it-tendenza li jissopravalutaw il-kapaċità tagħhom li jiġbru l-firem.
- Li jkun hemm voluntiera li jaħdmu għall-kampanja huwa ta' għajjnuna kbira. L-isfond professjonali tal-voluntiera jista' jkun ta' importanza kbira għal kampanja.
- L-involviment tat-trade unions jista' jkun tajjeb minħabba li għandhom sħubija wiesgħa. Madankollu, jista' jkollhom diffikultajiet biex jikkonvinċu l-bażi tagħhom dwar l-importanza ta' kampanji fl-UE kollha.
- L-organizzaturi m'għandhomx jissottovalutaw l-importanza tan-newsletters bl-email u tas-sejthiet virtwali. Dawn huma kruċjali biex is-sħab u l-voluntiera jinżammu aġġornati.
- L-avvenimenti offline jistgħu jkunu tajbin biex jimmotivaw lis-sħab u lill-voluntiera.

### *Involviment ta' personalitajiet magħrufa*

- L-organizzaturi għandhom jużaw in-network kollu tagħhom. L-individwi huma rakkomandati li jibnu relazzjonijiet biex jikkuntattjaw lill-influenzaturi biex b'hekk l-organizzaturi jkunu jistgħu jwessgħu l-appell tagħhom.
- Il-partiti politiċi jistgħu jkunu sħab fil-kampanji ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej. Is-smiġh tal-Parlament Ewropew jista' jintuża b'mod strateġiku jekk l-organizzaturi jkunu ppreparati sew, jistgħu jallinjaw ruħhom mal-MPE minn qabel.
- Persuna jew politiku prominenti fil-grupp ta' organizzaturi jista' jgħin biex tinkiseb trażżjoni pubblika. L-organizzaturi għandhom ikunu strateġiċi u ma jiddefinixxux is-7 membri tal-grupp ta' organizzaturi kmieni wisq sabiex sħab prominenti potenzjali jkunu jistgħu jiġu involuti fi stadju aktar tard.

### *Użu tal-media soċjali*

- Strateġija tal-media soċjali hi importanti u għandha titħejja sew minn qabel.
- Organizzatur ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej qalilna li 2 minn 3 firem oriġinaw minn attivitajiet tal-media soċjali.
- Ir-reklamar fuq il-media soċjali jgħin biex jiġu mmirati udjenzi speċifiċi. Madankollu, hu diffiċli li tagħmel reklami politiċi fuq Facebook. Ir-reklamaturi awtorizzati biss jistgħu jstabbilixxu kampanji politiċi.
- Hu possibbli li jsiru reklami fuq Facebook fil-pajjiż ta' residenza biss. Għalhekk, l-organizzaturi jridu jiżguraw li jkollhom tim transnazzjonali jekk jixtiequ jagħmlu reklami fuq Facebook fl-UE kollha.
- Twitter jagħmel differenza bejn il-kontenut politiku u r-reklamar ibbażat fuq kawża partikolari. Ir-reklamar għall-partiti jew l-elezzjonijiet huwa kkunsidrat baħala "politiku" fuq Twitter u mhux permess. Ir-reklamar ibbażat fuq kawża partikolari mhux ipprojbit, iżda jeħtieġ kont ta' reklamatur iċċertifikat biex jiġi varat.
- Il-messaġġi tal-organizzaturi fuq il-media soċjali għandhom ikunu konsistenti, faċli biex jiġu rikonoxxuti u li jirrelataw mal-udjenza.
- Il-preżentazzjonijiet diġitali huma possibbli (eż. permezz ta' Twitter). L-organizzaturi jistgħu jippjanaw jum b'ħafna azzjonijiet online (dan jista' jinkludi tfakkiriet regolari dwar kif wieħed jista' jinvolvi ruħu, pereżempju).



- Hu kruċjali li jiġi prodott kontenut uniku. It-tnejn qabel it-tnedija tal-kampanja hi importanti ħafna. F'dan ir-rigward, l-istejjer personali jistgħu jgħinu ħafna biex jiġbdu l-attenzjoni.
- Hu kruċjali li s-segwaċi jkunu involuti u jħossuhom konnessi. Dan ma jaħdimx biss mal-media soċjali iżda jista' jseħħ ukoll permezz ta' newsletters.
- L-organizzaturi għandhom jużaw kliem sempliċi u messaġġi bil-lingwa tagħhom stess.

## *Użu tal-media tradizzjonali*

- L-involvement tal-media tradizzjonali huwa importanti daqs il-media soċjali biex tinkiseb trazzjoni pubblika.
- Rabtiet personali mal-ġurnalisti fil-livelli kollha jgħinu lill-organizzaturi biex titrawwem il-kopertura mill-media.
- Il-kampanji fil-livell tal-UE għandhom jikkoordinaw ma' organizzazzjonijiet sħab nazzjonali / lokali.
- Avveniment ta' tnedija huwa importanti biex tinkiseb l-attenzjoni tal-pubbliku u għandu jkun organizzat tajjeb.
- L-ispettakli artistiċi jaf jidhru promettenti iżda jista' jkun diffiċli ħafna biex jiġu implimentati b'suċċess.
- Il-materjal stampat hu importanti għal tmexxija ta' kampanji offline u għandu jiġu tradott bil-lingwi lokali tal-pajjiżi fejn l-inizjattiva għandha l-għan li tiġbor il-firem.
- L-avvenimenti jistgħu jgħinu fil-promozzjoni ta' inizjattiva. Hu tajjeb li jkun hemm avvenimenti ċentrali u Ewropej, iżda s-sħab lokali għandu jkollhom il-libertà li jorganizzaw l-avvenimenti tagħhom stess fil-livell nazzjonali.
- Jekk ikun hemm kelliem tajjeb fost l-organizzaturi, dan ikun tajjeb ħafna biex iwassal messaġġ f'avveniment estern biex jinvolvi sostenituri ġodda.

## *Sit web*

- L-organizzaturi għandhom jivverifikaw jekk l-isem tad-dominju tas-slogan tagħhom huwiex disponibbli qabel ma jiddefinixxu l-isem tal-inizjattiva.
- L-organizzaturi m'għandhomx jissottovalutaw il-kapaċità tagħhom li jilhqqu udjenza wiesgħa. Jekk ikollhom kampanja tajba, se jkollhom ħafna viżitaturi u l-infrastruttura tas-sit web trid tkun adattata għal dan.
- L-ottimizzazzjoni ta' Google hija tajba u ta' għajnuna. L-SMO (ottimizzazzjoni tal-media soċjali) tippermetti kondiviżjoni kif support u li l-posts jiġu ppreżentati tajjeb meta jiġu kkupjati u jiddaħħlu fil-media soċjali. Biex jibnu sit web, l-organizzaturi jistgħu (pereżempju) jużaw il-Wordpress, Drupal, Wix jew HTML statiku.
- L-organizzaturi jistgħu jibnu sit web magħmul minn qabel għas-sħab tagħhom biex jipprovdu l-aħjar assistenza possibbli. It-templates bażiċi għandhom jiġu tradotti b'lingwi differenti biex jiġu indirizzati n-nies bil-lingwa tagħhom.
- Elementi viżwali konsistenti huma importanti. L-organizzaturi għandhom jiftakru li l-elementi viżwali huma l-element ewlieni f'sit web li jiġbed l-attenzjoni.
- Meta jkun hemm sit web stabbilit, l-ewwel pass irid ikun il-konverżjoni mill-media soċjali, Google jew siti web oħra għall-paġna ewlenija tal-kampanja.



- Id-dħul fis-sit web għandu jkun il-kontinwazzjoni tal-esperjenza tal-media soċjali (fir-rigward tal-kontenut u l-elementi viżwali). Il-paġna tad-dħul għandu jkollha: (1) slogan qasir, (2) test ta' introduzzjoni, (3) ritratt sinifikanti, (4) sejħa għal azzjoni u (5) informazzjoni ta' sfond.
- L-organizzaturi għandhom juru n-network tagħhom (eż. organizzazzjonijiet sħab) fis-sit web.
- Il-pjattaforma ta' appoġġ trid tkun konformi mal-GDPR u għandha tkun tista' tiġi xxerjata.
- L-organizzaturi għandhom jiżguraw li s-sit web tagħhom ikun jista' jintuża wkoll faċilment fuq apparat mobbli.
- Tajjeb li jintużaw stampi, messaġġi qosra u buttuni ta' sejħiet għal azzjoni minflok testi twal.
- L-email jibqa' għodda importanti biex jinxtered messaġġ għal kampanja.